MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Mandat Numru. 1742/2008/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni
Numru 1742/08 fl-ismijiet:

**E.M.D.P. Limited**

vs

**KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B’DIŻABILITA’**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-4 ta' Novembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti żżomm lill-Kummissjoni intimata milli toħroġ "jew bi kwalunkwe mod jagħti b'*tender* jew b'xi mod ieħor jadotta kwalsijasi deċiżjonijiet oħra meħuda mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti f'seduta tad-19 ta' Settembru, 2008, fit-*tender* KNPD/ERDF/DTO108 rigwardanti servizzi professjonali għas-superviżjoni u ċertifikazzjoni ta' kostruzzjoni, servizzi u *finishing works* għal *Independent Living Centre* f'Ħal Far". Ir-rikors fih twissija għall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bl-intenzjoni li tittieħed proċedura ġudizzjarja ulterjuri;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-Kummissjoni intimata b'erbat (4) ijiem żmien biex tressaq Tweġiba;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissjoni intimata fis-7 ta' Novembru, 2008, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, oppona għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi qal li fid-dawl tar-Regolament 20(6) tal-Avviż Legali 177 tal-2005, m'hemmx appell mid-deċiżjoni milħuqa mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti, u l-istess Kummissjoni intimata kienet sempliċement qiegħda twettaq dik id-deċiżjoni, kif bil-liġi hija marbuta li tagħmel. Laqgħet ukoll billi qalet li hija ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjoni tal-kumpannija rikorrenti għaliex ma kinitx hi li ħadet id-deċiżjoni li minnha r-rikorrenti tilminta. Fuq kollox, il-kumpannija rikorrenti kellha rimedji oħrajn li messha ħadet biex tħares l-interessi tagħha, u jekk kemm-il darba t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kellha tintlaqa' issa, l-Kummissjoni intimata ġġarrab ħsara irrimedjabbli għaliex jekk ma jsirx ix-xogħol maħsub fi żmien qasir, titlef il-fondi allokati lilha mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Novembru, 2008, li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-lum;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-Kummissjoni intimata waqt is-smigħ tal-lum, fis-sens li s-sejħa għall-offerti li l-kumpannija rikorrenti trid b'dan il-Mandat iżżomm, fil-fatt inħarġet u dan sa mill-21 ta' Ottubru, 2008;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-Kummissjoni intimata għall-finijiet tad-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li l-kumpannija rikorrenti qiegħda titlob li l-Kummissjoni intimata tinżamm milli twettaq deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti fit-18 ta' Settembru, 2008, li biha qatagħha li jerġa' joħroġ sejħa għall-offerti dwar *tender* li fl-20 ta' Awwissu ta' qabel kien ingħata lill-istess kumpannija rikorrenti. Dik id-deċiżjoni ttieħdet wara li ntlaqgħet oġġezzjoni mressqa mill-Perit Valerio Schembri – wieħed mill-konkorrenti fl-ewwel sejħa – biex is-sejħa għall-offerti terġa' tinħareġ mill-ġdid bi kriterji ċari ta' aġġudikazzjoni. Il-kumpannija rikorrenti tqis li l-oġġezzjoni tal-konkorrent Perit Schembri ma kien messha ntlaqgħet qatt għaliex l-offerta tiegħu kienet mill-ewwel monka billi ma tax prezz wieħed għall-offerta (kif tisħaq li kien intalab kull min xtaq jikkonkorri), imma kien indika prezz bis-siegħa;

Tqis li l-Kummissjoni intimata tisħaq li kulma sar kien li hija qagħdet għad-deċiżjoni tal-Kumitat Ġenerali għaliex

bil-liġi minn dik id-deċiżjoni ma jingħatax appell. Fuq kollox, tinsisti li d-dewmien fit-twettiq tal-proċess jista' jħalli konsegwenzi gravi fuqha billi d-dewmien jista' jtellifha mit-tgawdija ta' fondi allokati apposta għall-proġett. Tgħid li l-kumpannija rikorrenti messha nqdiet b'rimedji oħrajn li kellha għad-dispożizzjoni tagħha u li l-ilment tagħha jwieġeb għalih il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jew id-Direttur tal-kuntratti u mhux il-Kummissjoni intimata;

Tqis li mill-fatti li ħarġu mill-atti, jirriżulta li bid-deċiżjoni milħuqa mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti f'Settembru tal-2008, l-ewwel proċess tħassar għal kollox u jrid jerġa' jinbeda mill-ġdid;

Tqis li bi twettiq ta' dik id-deċiżjoni, l-Kummissjoni intimata fil-fatt ħarġet sejħa ġdida għall-offerti u iddikjarat[1] ukoll li dik is-sejħa dehret fil-Gażżetta tal-Gvern, li l-offerent intgħażel u li ż-żmien li wieħed iressaq appell minn dik l-għażla għalaq bla ma tressaq appell fiż-żmien preskritt. Jirriżulta wkoll li dan it-tieni proċess seħħ kollu fiż-żmien qabel ma tressaq ir-Rikors tal-lum;

Tqis, madankollu, li jekk kemm-il darba jintwera li l-ħaġa li r-rikorrent irid li jżomm li ma ssirx bil-ħruġ tal-Mandat tkun diġà saret, ma jibqax lok biex it-talba tal-ħruġ tal-istess Mandat tintlaqa', ladarba l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[2];

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

---

[1] Xhieda ta' Alfred Beżżina waqt is-smigħ tal-lum
[2] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, bl-ispejjeż jibqgħumingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 28 ta’ Novembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------